29 ta' Novembru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Anthony Pace

**Assikurazzjoni — Karrozza — Polza tas-Sigurtà — "Assignment" — Liċenza — "Third Party Risks" — Sospensjoni — Art. 3 tal-Kap. 165.**

*Meta karrozza tiġi trasferita lil ħadd ieħor, il-polza tas-sigurtà relativa għal dik il-karrozza taqa' b'dak it-trasferiment, jekk ma jkunx hemm "assignment" tal-polza favur l-akkwirent bl-approvazzjoni tal-kumpannija assikuratriċi; u dan avvolja t-terminu tal-validità tal-polza ma jkunx skada.*

*Il-piena tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan komminata mill-liġi kontra min isuq karrozza tal-mutur mingħajr polza tas-sigurtà hija għal minimum ta' sena, jekk il-Qorti, għal raġunijiet speċjali, ma jidhrilhiex li għandha tordna diversament. Dana jfisser illi l-Qorti ma tistax tnaqqas il-perijodu tas-sospensjoni arbitrarjament, imma jeħtieġ li jkun hemm "special reason"; u mhix "special reason" l-allegazzjoni ta' injoranza tal-liġi, u dippjù injoranza ta' kwejjeġ l-aktar elementari, bħal ma huma dawk illi għal kull car jeħtieġ li jkun hemm "Third Party Risks Policy", u li dik il-polza jeħtieġ li tiġi rinnovata.*

Fuq l-imputazzjoni illi għamel użu minn motor van bla polza tas-sigurtà ("Third party risks") skond il-liġi, l-imsemmi Pace, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-25 ta' Settembru 1952, instab ħati u ġie kundannat għall-multa ta' £5, u l-liċenzi tiegħu kollha tas-sewqan ġew sospiżi għal żmien sena;

L-imputat appella, limitatament għall-piena tas-sospensjoni tal-liċenzi;

Trattat l-appell, dina l-Qorti kkunsidrat;

L-imputat, kif deher mill-provi, xtara dan il-van minn għand ċertu Rocco Buhagiar fi Frar 1952. F'dak iż-żmien kien hemm polza tas-sigurtà f'isem Buhagiar, valida sa Mejju

ta' dik is-sena, L-imputat mar id-Depot tal-Pulizija sabiex idawwar il-liċenza, u wera l-polza; u s'intendi, billi kienet ma għalqetx, ħadd ma qallu xejn, avvolja proprjament (ara sentenza ta' din il-Qorti "Pulizija vs, Spiteri", 25 ta' Ottubru 1952), peress li Buhagiar kien svesta ruħu mill-proprjetà, il-polza, fin-nuqqas ta' "assignment" approvat mill-Kumpannija, taqa' mat-trasferiment, avvolja t-terminu ma jkunx skada. L-imputat, però, anki meta għalaq it-terminu f'Mejju, lanqas ħa ħsieb jieħu xi pass biex iġedded il-polza. Hu jgħid li qatt ma xtara karrozzi qabel, u li hu analfabeta;

Issa, il-piena tas-sospensjoni tal-liċenzi komminata mil-liġi (art. 3 Kap. 165) hi għall-minimum ta' sena, "unless the Court for special reasons thinks it fit to order otherwise";

Dan ifisser, u ċertament ma setax ikun ħlief hekk, li l-Qorti ma tistax tnaqqas il-perijodu tas-sospensjoni arbitrarjament, imma jeħtieġ li jkun hemm xi "special reason". Issa, f'dan il-każ, d-difiża ma hix qiegħda tadduċi ħlief injoranza tal-liġi, u dippjù l-injoranza ta' ħwejjeġ l-aktar elementari, illi ċjoè għal kull car hemm bżonn li jkun hemm Third Party Risks Policy skond il-liġi, u illi din il-"policy" jeħtieġ li tiġi rinnovata; għax ħadd ma hu tant lura li l-lum il-ġurnata ma jafx li għall-cars għandu jkun hemm dawn il-poloz, jew tant lura li jaħseb li l-polza hija eterna bla ma hemm bżonn li tiġi mġedda. Għalhekk jingħad "ignorantia juris quod quisque scire tenetur non excusat.........." Kieku l-polza ma kienetx għalqet, u l-imputat kien qed jaħseb li sa ma jagħlaq it-terminu ma kienx hemm bżonn jagħmilha f'ismu, u kien qed jaħseb li bżżejjed jinfestaha għalih meta jġeddidha, allura, talvolta wieħed kien ikun jista' jgħid li dan kien mhux materja ta' liġi, imma ta' pont ta' dritt; għax kif jingħad (ara ktieb "Latin for Lawyers", publikat minn Stock & Maxwell, 1915; pag. 166), "although ignorance of the law does not excuse persons so as to exempt them from the consequences of their acts, yet the law takes notice that there may be a doubtful point of law of the true solution of which a person may be ignorant". Imma dan ma hux

il-każ. L-imputat wera nonkuranza li hi "culpable", u li ma timmerita ebda indulġenza; għax hu ħalla t-terminu tal-polza, sija pure f'isem l-awtur tiegħu, jgħaddi, ma staqsa xejn, ma ħa ħsieb xejn;

Dan ma jistax ċertament jikkostitwixxi "special reason";

Għal konferma ta' dan, jingħad illi f'monografija publikata fir-rivista legali "The Magistrate" (nru. March-April 1951, Vol. 8, paġ. 104) edita mill-"Magistrates Association" ta' Londra), ġie affrontat il-kweżit "What are special reasons?" a propożitu ta' dispożizzjoni simili ta' skwalika li tibqa' sseħħ il-liċenza. F'din il-monografija, il-pont "x'inhuma special reasons" huwa msejjaħ bħala "a thorn in the flesh of magistrates", u hemm rassenja ta' deċiżjonijiet tal-High Court bħala gwida għall-"justices", għaliex, milli jidher, ebda definizzjoni ma ġiet mogħtija komprensiva in ġenerali, għar-raġuni ovvja li dan ma tantx huwa possibili; u wieħed għandu jipproċedi "caso per caso". Biss ta' min jinnota li, fost il-każistika elenkata, hemm il-każ li fih ġie appuntu ritenut illi "mere forgetfulness or carelessness in not taking out an insurance policy was not a special reason". Hu utili wkoll id-"dictum" ta' Lord Goddard li "it is not for Courts to disregard the plain provisions of an Act of Parliament merely because they think that the action Parliament has required them to take causes some hardship";

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell fil-kap devolut lilha, u tikkonferma f'dak il-kap is-sentenza appellata.